**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 9 ta' Novembru 2016**

**App. Nru. 426/2013 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Shaun Demicoli**

## Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Shaun Demicoli, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 220877(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(1) fit-18 ta' Diċembru 2011 għall-ħabta tas-18:30hrs, ġewwa l-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita` kompetenti, u cioe` fuq il-persuna ta' PC 1226 Silvan Pulis;

(2) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku li jkun qed jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe` fuq il-persuni ta' l-istess uffiċjali tal-Pulizija PC 1226 Silvan Pulis u PS 645 Gerald Attard;

(3) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC 1226 Silvan Pulis u dan kif iċċertifikatu Dr. Charlene Scicluna MD 3139 miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;

(4) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija, jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijiethom, billi ma ħallihomx jagħmlu dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi;

(5) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat, ġlied jew mod ieħor u talli qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku.

(6) sar reċidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti ġiet mitluba li barra l-piena stabbilita għal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta` ta' PC 1226 Silvan Pulis u PS 645 Gerald Attard;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Ottubru 2013 fejn dik il-Qorti lliberat lill-imsemmi Shaun Demicoli mis-sitt (6) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u, wara li rat artikoli 17(h), 95(1), 96(a), 221(1), 338(bb), 338(dd), 338(ee) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess Shaun Demicoli ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal perijodu ta' seba' (7) xhur priġunerija. *Inoltre*, il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rabtet lill-ħati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) għal żmien sena mid-data tas-sentenza appellata fil-konfront ta' PC 1226 Silvan Pulis u PS 645 Gerald Attard;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Shaun Demicoli ppreżentat fis-17 ta' Ottubru 2013 fejn talab li din il-Qorti:

(1) tikkanċella s-sentenza appellata u tilliberah minn l-imputazzjonijiet li fuqhom instab ħati;

(2) jew inkella tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti li nstabet ħtija pero` tbiddel dik il-parti fejn imponiet il-piena u minflok tagħti piena aktar miti u idoneja fiċ-ċirkostanzi tal-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant Shaun Demicoli huma s-segwenti:

> "Illi l-appellant ma seta' qatt jinstab hati tal-imputazzjoni kif migjuba kontrih stante li ma kienx hu li ta daqqa ta' ponn lill-kuntistabbli PC1226. Kull ma ghamel l-imputat appellant kien li argumenta mal-kuntistabbli ghax hass li ma kienx gust li jaghtih citazzjoni meta huwa qallu li kien se jsuq il-vettura kif ukoll minhabba li safa arrestat minghajr gustifikazzjoni. Fil-fatt huwa mill-bidu nett cahad li kien aggredixxa lill-kuntistabbli pero` hadd ma kien qieghed jaghtih widen;
>
> "Illi PC1226 jghid li l-appellant tah zewg daqqiet ta' ponn pero` din il-verzjoni ma gietx ikkollaborata minn l-ebda persuna. Skond l-appellant kien hemm diversi persuni li kienu qed jarawhom jargumentaw u kien hemm sahansitra min beda wkoll jidhol bejniethom. L-ebda persuna minn dawn in-nies ma ngabu quddiem il-Qorti sabiex jikkollaboraw dak li beda jghid il-kuntistabbli PC1226. Mill-banda l-ohra l-verzjoni tal-imputat giet ikkollaborata minn Paul Busuttil li dak il-hin inzerta ghaddej bil-vettura tieghu u ra argument bejn pulizija u persuna. Fil-fatt Paul Busuttil ma kienx kapaci jaghraf li xi hadd aggredixxa lill-PC1226 ergo ma kienx l-appellant li kkawza l-griehi fuq il-kuntistabbli;
>
> "Huwa ovvju li kemm il-pulizija kif ukoll l-imputat appellant ghandhom interess f'dak li qalu quddiem l-Ewwel Qorti. L-unika persuna li ma ghandhiex interess huwa Paul Busuttil li kif xehed qal li ra argument bejn il-pulizja u persuna ohra. Jghid pero` li din il-persuna ma jaghrafhiex.
>
> "Illi ghalhekk l-appellant jissottometti bir-rispett li bejn il-provi tal-pulizija u dawk tad-difiza inholoq konflitt serju liema konflitt ikkrea dubju serju u ghal din ir-raguni l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx b'mod ragjonevoli u legali tasal ghal htija tieghu;
>
> "Illi minghajr pregudizzju ghal dan l-aggravju, l-appellant ihoss li l-piena inflitta fil-konfront tieghu kienet wahda harxa u mhux idonea tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz. Huw veru li jezistu skorta ta' sentenzi fejn il-Qorti imponiet piena ta' prigunerija meta si tratta ta' vjolenza kontra ufficjali pubblici pero` jezistu ukoll sentenzi ohra fejn piena li tirrestringi l-liberta` provizorja ma gietx applikata;

"Illi f'kaz li l-griehi li sofra l-kuntistabbli tal-pulizija kienu feriti ta' natura *de minimis* u minghajr ma jigi gustifikat dan il-gest l-esponenti jissottometti li b'naqra pratticita` da parte tal-pulizija dan il-kaz seta' facilment jigi evitat. Fil-fatt l-appellant gie akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet li huwa dejjem cahad pero` qatt ma nharget l-akkuza fuq ir-reat li huwa ammetta li kiser ossia, li pparkja l-vettura tieghu fuq parkegg riservat;

"Illi umilment l-appellant fl-ahharnett qieghed jitlob li ma jintbaghatx il-habs imma li l-piena tigi sospiza u dan sabiex ikollu l-ahhar opportunita` biex jirriforma ruhu."

**6.** L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti. Kwantu għall-fatt li, skond l-appellant, hemm verżjonijiet konfliġġenti, jiġi mfakkar li x-xiehda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut, hija biżżejjed biex tikkostitwixxi prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar[1]. U kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, **"mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali u tasal għall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"**[2].

**7.** Din il-Qorti eżaminat b'attenzjoni x-xiehda li ngħatat quddiem l-ewwel Qorti. Minn naħa hemm P.C. 1226 Silvan Pulis li xehed dwar kif qala' daqqtejn ta' ponn f'wiċċu mingħand l-appellant meta kien qiegħed jikteb *ticket* għax l-appellant kien ipparkjat f'post riservat għal *disabled*; mill-banda l-oħra għandna l-appellant li ċaħad li għamel hekk u li fl-istqarrija qal biss li qamet konfużjoni meta qal lill-pulizija li se jċaqlaq il-karozza filwaqt li meta xehed qal li kull ma għamel kien li ħadlu ċ-ċitazjoni "u jista' jkun li l-ktieb waqqajtulu". Fl-istqarrija ma jispjegax x'kienet dik il-konfużjoni. Meta xehed, pero`, l-appellant qal ukoll illi kien hemm nies oħra jargumentaw mal-pulizija. L-appellant jgħid illi l-verżjoni tiegħu ġiet ikkorroborata mix-xhud Paul Busuttil. Dan ix-xhud, pero`, li kien għaddej fil-karozza tiegħu, jgħid biss li nnota argument bejn pulizija u raġel ieħor (li ma setax jidentifika) u kien hemm xi erba' madwaru, li kien kollox mgħaġġel, li bdew ġejjin

[1] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

[2] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

nies minn kullimkien u pulizija, iżda li hu ma waqafx. Meta Paul Busuttil kien mistoqsi jekk rax lill-pulizija jew lil dak li miegħu kellu l-argument jagħmlu xi ħaġa, ix-xhud wieġeb: "Le, Le ta. Ma rajthomx." Mix-xiehda ta' Paul Busuttil ma jirriżultax jekk huwa rax l-inċident kollu mill-bidu sat-tmiem tiegħu. Minn kif xehed, pero`, jidher li "l-argument" kien diġa` beda. Jiġifieri kull ma jista' jikkorrobora Paul Busuttil hu li kien hemm argument. Da parti tiegħu l-appellant mhuwiex konsistenti f'kull ma jgħid. Saħansitra fl-aħħar tweġiba tiegħu meta xehed, għal mistoqsija tal-prosekutur: "Ara ngħidx sewwa li dawn in-nies kollha li kienu mdawrin ippruvaw iwaqqfu lilek milli tkompli tagħti lill-Pulizija?" it-tweġiba tiegħu kienet: "Qas biss nafhom lil dawk in-nies li kien hemm. Kieku semmejthom kienu jitilgħu xhud. Ħbieb tiegħi." Kif ma jafhomx imma jgħid li huma ħbieb tiegħu? Jekk ħbieb tiegħu, mela jaf min kienu u għalhekk seta' jindikahom bħala xhieda tiegħu.

**8.** Hawn din il-Qorti ma tistax ma tirreferix għal dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha:

> "Illi din il-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** imsemmija hawn fuq u serenament tasal ghal konkluzzjoni illi x-xiehda moghtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni hija aktar kredibbli. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni wara li rat il-komportament tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari ta' PC 1226 Silvan Pulis, u tal-imputat fuq il-pedana tax-xhud, u dak li huma xehdu, fosthom il-fatt li PC 1226 gharaf lill-imputat bhala l-persuna li tatu daqqtejn. Minkejja t-tentattiv tad-difiza sabiex mill-kontro-ezami li sar minnha lil PC 1226 Silvan Pulis tittenta tohrog li fil-hin li l-imputat mar ikellem lil PC 1226 dan ma kienx wahdu, dan ma rnexxiex u dana stante li PC 1226 zamm sod u kien konvincenti meta huwa ghal darba darbtejn qal li n-nies li marru fuq il-post ma kinux ghadhom resqu lejh meta qala' d-daqqa. Ma jirrizultax li PC 1226 qala' xi daqqa minn xi hadd iehor hlief mill-imputat!"

**9.** Frankament din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konklużjoni raġġunta mill-ewwel Qorti li setgħet legalment u raġjonevolment tasal għal dik il-konklużjoni. L-istess bħalma setgħet legalment u raġjonevolment tasal għal konklużjoni ta' ħtija dwar l-imputazzjonijiet l-oħra li ma jidhirx li l-appellant qiegħed jikkontesta fl-appell tiegħu.

**10.** Għal dik li hi piena, il-prinċipju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-

piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[3].

**11.** M'hemmx dubju li l-piena hi fil-parametri tal-liġi. Imbagħad hawn si tratta ta' vjolenza fuq uffiċjal pubbliku li kien qiegħed jaqdi dmirijietu. Din il-Qorti tifhem illi l-appellant kien irrabjat għax P.C. 1226 kitiblu *ticket* għax kien ipparkjat f'post riservat. Iżda l-aġir ta' l-appellant hu kundannabbli. Dik li hu jsejjaħ "konfużjoni" ħoloqha hu bl-għajjat, dagħa u aggressjoni fuq P.C. 1226. Bħalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deċiż fit-30 ta' Lulju 2004:

> **"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkażjoni diversi drabi li tfisser li, bħala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna l-piena għandha tkun dik ta' priġunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deċiżiv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jiġi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruħha f'xi forma ta' vjolenza fiżika."**

**12.** Imbagħad l-appellant, wara dan l-inċident, lanqas ma qagħad 'il bogħod mill-ksur tal-liġi. Mill-fedina penali tiegħu jirriżulta, almenu *prima facie*, li f'April 2015 instab ħati dwar ksur tal-liġijiet tal-kaċċa kif ukoll li kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mogħtija lilu f'żewġ proċeduri separati.

**13.** Filwaqt li din il-Qorti tirreferi wkoll għall-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti li wassluha biex timponi terminu ta' priġunerija effettiv, tagħmel referenza wkoll għal dak li jingħad f'**Blackstone's Criminal Practice 2004** li ġie ċitat b'approvazzjoni minn din il-Qorti kemm f'Sede Inferjuri kif ukoll f'Sede Superjuri:

> **"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis**

[3] Ara, fost oħrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [4]

**14.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet l-appell ma jimmeritax akkoljiment.

**15.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Għall-fini ta' l-obbligazzjoni a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din għandha tibda tiddekorri millum.

[4] Page 1695, para. D23.45.